# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 20 ta' Settembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Redeemer Cassar**

**Drogi Nru: 97/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Redeemer Cassar detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 89099M.

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Marzu 2017 u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa Triq Melita, Belt Valletta u dawn il-Gzejjer Malta:-

1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artiklu 8(d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta ta' l-imputat u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 8(a)(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' sitt mitt Euro (€600) li ghandha tithallas fi zmien sena. In oltre qed tordna d-distruzzjoni tad-dokument Dok DB1 a karigu tar-Registratur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**